MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 577/2010

**Mary Borg magħrufa dejjem bħala 'Mary Pace'**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fid-9 ta' Ġunju 2010 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi r-rikorrenti tirrileva li hija sa minn ċkunitha dejjem kienet magħrufa bil-kunjom ta' "Pace";

2. Illi riċentament hija saret taf mingħand id-Direttur intimat li hija rreġistrata miegħu bil-kunjom ta' "Borg" lil jiġi kunjom ommha [Ara Att tat-Twelid hawn mehmuż u mmarkat Dok 'MP1' u 'MP2'];

3. Illi r-rikorrenti kienet fil-fatt ferm sorpriża b'dan meta hija tul ħajjitha kollha dejjem kienet magħrufa bil-kunjom ta' missierha u l-missier bijoloġiku tagħha, u ċjoe' "Pace" mhux "Borg";

4. Illi r-rikorrenti tirrileva li hija kienet taf li missierha kien żmien ilu rrikonoxxiha bħala bintu u hi dejjem użat il-kunjom tiegħu, u ċjoe' ta' "Pace" kemm fid-dokumenti uffiċjali tagħha, bħal per eżempju passaport u l-karta tal-identita', kif ukoll fl-attivitajiet tagħha ta' ħajja ċivili u ta' kummerċ tagħha, u dana hekk kif hija lesta li tipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna [Ara Dok 'MP3' sa 'MP10'];

5. Illi d-Direttur konvenut informa lill-attriċi li hu ma jistax jagħmel l-emendi meħtieġa skont il-liġi għalkemm *ben konsapevoli* tal-pożizzjoni tar-rikorrenti, u dan fl-Att tat-Twelid tagħha ħalli jirrifletti r-realta' tar-rikorrenti, u dana mingħajr sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi għalhekk ir-rikorrenti kellha tressaq din il-kawża ħalli b'mod uffiċjali l-kunjom tagħha, u ċjoe' dak ta' "Pace" jiġi rifless skond il-liġi fl-Att tat-Twelid tagħha;

Għaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet hawn fuq spjegati, jogħġobha;

1. Tiddikjara illi kunjom ir-rikorrenti hu "Pace";

2. Tordna għalhekk lid-Direttur intimat ħalli jagħmel l-emendi meħtieġa fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti u dana billi fl-imsemmi Att tat-Twelid jiġi emendat fis-sens lil kunjom ir-rikorrenti hu "Pace" u mhux "Borg".

Bl-ispejjez kollha kontra d-Direttur intimat li minn issa qed tiġi nġunta għas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku, ppreżentata fis-7 ta' Lulju 2010, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in limine litis,* qabel is-smigħ tal-kawża, b'ordni tal-Qorti għandu jiġi ppubblikat avviż fil-Gażżetta tal-Gvern a tenur tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi preliminarjament ukoll u qabel kull konsiderazzjoni oħra, huwa siewi li jiġi kjarifikat li r-rikorrenti tinsab fl-att tat-twelid tagħha rreġistrata bil-kunjom xbubit ommha *ossia* "Borg" u mhux bil-kunjom ta' missierha "Pace" għaliex fis-sena 1958 meta hija twieldet, il-liġi viġenti f'dak iż-żmien ex Artikolu 106 tal-Kap 23 tal-Liġijiet ta' Malta (illum l-Artikolu 92 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta) kienet tipprovdi li tifel imwieled barra miż-żwieġ ma setax jieħu kunjom missieru lanqas jekk dan ikun magħruf b'ibnu minnu, iżda seta' jieħu kunjom ommu. Għal kull *buon fini* l-esponent umilment qiegħed jehmeż kopja ta' kif l-imsemmi Artikolu 106 li qiegħed jiġi hawn immarkat bħala Dok "DRP 1";

3. Illi ladarba r-rikorrenti qed tiddikjara li tul ħajjitha hi dejjem ġabet kunjom missierha "Pace", u li hi tixtieq li dan jiġi rifless fl-att tat-twelid tagħha, konsegwentament dan jimplika li dinl-azzjoni tagħha hija impostata taħt il-*proviso* tal-Artikolu 92 (2) (b) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan ifisser li r-rikorrenti trid tressaq provi dokumentarji u xhieda affidabbli biex jikkonfutaw it-teżi tagħha *ossia* li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejħa bil-kunjom ta' "Pace" u mhux ta' "Borg";

4. Illi bla ħsara għall-premess huwa importanti li jekk hemm xi atti tal-istat ċivili oħra li jinħtieġu lil jinbidlu apparti l-att tat-twelid tagħha 6217/1958, ir-rikorrenti għandha tispeċifika n-numru u s-sena relattiva a tenur tal-Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Illi ulterjorment u dejjem mingħajr preġudizzju għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijex attribwibbli għal xi għemil jew

nuqqas ta’ aġir da parti tal-esponent u kwindi huwa m’għandux ibati għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

6. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qedgħa tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tal-20 ta’ Ottubru 2010 il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta’ ismijiet tal-atti tal-istat ċivili kif ukoll l-Artikolu 92 (2) tal-Kodiċi Ċivili ukoll. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi hija ġustifikata peress li l-attriċi minn dejjem kienet magħrufa bil-kunjom “Pace”. Li ġara kien li meta twieldet l-attriċi, il-liġi kienet fis-sens li wild barra miż-żwieġ kien ikun magħruf b’kunjom xbubit ommu *nonostante* l-fatt li misserha kien ikun *gia’* rrikonoxxa dak il-wild. Madankollu l-Artikolu 92 (2) (b) jippermetti lil dak il-wild biex jintavola dawn il-proċeduri, *purche’* ikun dejjem kien magħruf b’dak il-kunjom, kif inhu l-każ odjern. Naturalment il-konvenut ma jaħtix għal dak illi ġara u allura m’għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa’ t-talbiet attriċi billi fejn fl-att tat-twelid tagħha kunjomha huwa ndikat bħala “*Borg*” jiġi sostitwit bil-kunjom “*Pace*”;**

**L-ispejjeż tal-kawza jiġu sopportati mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------